Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP

# Pjan ta' Ħidma
# 2017 – 2019

***(ikopri l-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019)***

# Kontenut


| | | |
|---|---|---|
| 1. | Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni | *paġna 3* |
| 2. | Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri | *paġna 4* |
| 3. | Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji | *paġna 5* |
| 4. | Struttura u Organizzazzjoni | *paġna 13* |
| 5. | Tbassir Finanzjarju | *paġna 14* |

# 1. Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan il-Pjan ta' Ħidma għat-tliet snin li ġejjin, ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2019.

Il-Pjan ta' Ħidma huwa għodda importanti ħafna fil-ħidma ta' kull organizazzjoni. Infatti, permezz tal-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill Lokali, bħala Gvern Lokali, jistqar l-impenn għall-ħidma futura tiegħu billi jistabilixxi l-viżjoni u permezz tal-istrateġija elenkata fil-Pjan, jasal li jwettaq din il-viżjoni b'risq ir-residenti tal-lokalità. Dan il-pjan ikun imħejji fil-kuntest tal-missjoni tal-Kunsill, liema missjoni toħroġ mill-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Dan il-pjan iservi wkoll biex il-Kunsill ikun jista' jkejjel il-ħidma tiegħu u jara li l-miri qed jintlaħqu. Dan ma jirrestrinġix lill-Kunsill milli jiżviluppa ideat ġodda. Dan għall-fatt li l-ħidma tal-Kunsill hija vasta u tiddependi ħafna aktar miċ-ċirkostanzi esterni milli dawk interni. Għandha tingħata attenzjoni sħiħa biex il-Kunsill jibqa' miexi fid-direzzjoni t-tajba, ma'dan il-pjan strateġiku biex jiġi żgurat li din l-għodda tintuża fl-aħjar mod possibbli.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem bi sħiħ biex jara li l-missjoni tiegħu tintlaħaq bl-aħjar mod, bl-akbar effiċjenza, fl-inqas ħin u bl-inqas spejjeż possibbli, biex jiżgura li l-flus allokati mill-Gvern Ċentrali jkunu sostenibbli. Apparti hekk il-Kunsill jaħdem bi sħiħ biex jegħleb sfidi u ċirkustanzi li jiltaqa' magħhom fl-operat tiegħu konsegwenza tat-tibdil u opportunitajiet fid-dinja ta' madwarna. Il-Kunsill huwa kommess li permezz tar-riżorsi li għandu, jisfrutta kull opportunità disponibbli.

*(iffirmat)*
Terence Agius
**Sindku**

*(iffirmat)*
Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

# 2. Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, li ġie elett b'mod demokratiku, jaħdem bi sħiħ biex jgħolli l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tiegħu billi joffri servizzi ta' l-aqwa livell u joħloq ġid u progress għall-komunità. Dan isir dejjem skont kif inhu stipulat fil-liġi li tirregola l-Kunsilli Lokali u jsegwi proċeduri u direttivi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 2.2 Valuri

Il-valuri tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop huma:

- Trasparenza, onestà u responsabilità.
- Inġibu l-massimu tal-benefiċċji lill-komunità.
- Amministrazzjoni ġusta u trasparenti fil-ħidma tal-Kunsill.
- Rispett għall-opinjonijiet u twemmin differenti tal-komunità.
- Rispett lejn il-bżonnijiet ta' individwi u oqsma speċifiċi.
- Rispett lejn l-ambjent u impenn favur ambjent sostenibbli.
- Rispett lejn il-wirt kulturali u storiku ta' Ħal Kirkop.
- Servizzi eċċellenti.

# 3. Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji

## 3.1 Servizz lir-Residenti u Involviment tar-Residenti

**Għan -** Id-devoluzzjoni mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill Lokali għandha tinfirex u tinżel 'l isfel kemm jista' jkun biex tkun aċċessibbli għal kulħadd. Hekk ir-residenti jħossuhom parti mid-deċiżjonijiet u parti ħajja mit-tmexxija tal-lokalità.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Jitjieb is-servizz offrut mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Dan għandu jsir billi jinħolqu sistemi biex l-ilmenti u s-suġġeriment jiġu trattati mill-aktar fis possibbli għas-sodisfazzjoi tar-residenti. Ikun hemm simplifikazzjoni ta' proċessi amministrattivi li jgħinu biex jitnaqqas il-ħin ta' stennija għall-pubbliku. Għandu wkoll jiżgura li l-post ikun miżmum fi stat tajjeb u jkun akkoljenti. Ikun hemm proattività fuq bżonnijiet u ilmenti.

### 3.1.1 Konsultazzjoni

**Għan -** Konsultazzjoni sħiħa u aktar strutturata, mar-residenti, meta jkunu ser isiru proġetti li jolqtu żoni speċifiċi.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ikompli jikkonsulta mar-residenti kull meta jkun ser jieħu deċiżjonijiet li jolqtu lil gruppi ta' residenti b'mod dirett.

### 3.1.2 Konsultazzjoni mal-Għaqdiet

**Għan -** Konsultazzjoni sħiħa u aktar strutturata, mal-għaqdiet reliġjużi, politiċi, sportivi, kulturali, edukattivi u oħrajn.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ikompli jikkonsulta u jikkopera mal-għaqdiet eżistenti biex ma jitħallix vojt u tiġi evitata id-duplikazzjoni.

*3. Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji . . . ikomplu*

### 3.1.3 Tixrid ta' Informazzjoni

**Għan –** Titjib fil-komunikazzjoni lejn il-komunità.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ikompli jżid l-informazzjoni fuq is-siti soċjali, informazzjoni fin-*notice boards*, u jxandar il-laqgħat tal-Kunsill *online*. Fejn ikun hemm *issues* ta' importanza għolja jara li l-informazzjoni titqassam f'kull dar ukoll.

## 3.2 Ħidma Soċjali

**Għan –** Tingħata priorità għola lill-aspett soċjali. Dan biex ir-residenti kollha jkunu trattati skont il-bżonnijiet tagħhom.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Issir analiżi biex jiġu identifikati u kwantifikati il-bżonnijiet ta' kull grupp, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-għaqdiet volontarji, dipartimenti u aġenziji. Issir aktar konsultazzjoni u tingħata informazzjoni dwar is-servizzi offruti mil-LEAP! li għandhom l-uffiċini tagħhom f'Ħal Kirkop.

### 3.2.1 Anzjani

**Għan –** Biex l-anzjani jkunu komdi u jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom. U biex l-anzjani li ma għandhomx fejn imorru, jitħajru jitħaltu u jibdew jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ikompli jiżgura l-aqwa servizz u fejn hu possibbli jtejjeb dak li diġà kiseb. Jidentifika persuni li jinsabu waħedhom u jħajjarhom jibdew jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, ċentru li huwa aċċessibbli għal kulħadd.

*3. Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji . . . ikomplu*

### 3.2.2 Persuni b'Abiltajiet Differenti

**Għan –** Jaħdem bi sħiħ favur aktar drittijiet għall-persuni b'abiltajiet differenti.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill jassigura aċċessibilità fil-postijiet pubbliċi kollha filwaqt li l-persuni b'abiltajiet differenti jħossuhom aktar parteċipi fil-ħidma tal-Kunsill. Dan jista' jintlaħaq aktar jekk il-Kunsill jiġbor informazzjoni dwar dawn il-persuni u jidentifika l-bżonnijiet tagħhom. Ikomplu jiġu involuti għaqdiet qrib dawn il-persuni.

### 3.2.3 Żgħażagħ

**Għan –** Biex iż-żgħażagħ jersqu aktar qrib tal-Kunsill u jħossuhom parti integrali u importanti fil-lokalità.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ikompli jesplora programmi u proġetti flimkien mal-Ministeru konċernat biex jieħu l-ikbar vantaġġi mill-programmi offruti għaż-żgħażagħ. Il-Kunsill ikompli jaħdem flimkien mal-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ biex aktar żgħażagħ jinteressaw ruħhom fl-attivitajiet organizzati għalihom.

### 3.2.4 Oħrajn

**Għan –** Għajnuna lil persuni bi problemi partikulari bħal *single parents*, persuni b'mard mentali, ommijiet li jaħdmu u persuni li jieħdu ħsieb familjari, anzjani jew bi bżonnijiet speċjali.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill jitkellem mal-aġenzija LEAP! biex jiġi pprovdut servizz ta' counselling kif ukoll jingħataw pariri kif il-livell tal-ħajja ta' dawn il-persuni jista' jitjieb.

## 3.3 Fondi tal-Unjoni Ewropea

**Għan –** Jistħarreġ il-possibilità li japplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea biex jitwettqu proġetti b'risq il-lokalità.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Issir analiżi u konsultazzjoni ta' x'fondi jkun hemm li wieħed ikun jista' japplika għalihom u li jistgħu ikunu ta' benefiċċju, biex isiru proġetti fil-lokalità ta' Ħal Kirkop.

## 3.4 L-Ambjent

### 3.4.1 Ġbir u Separazzjoni tal-Iskart

**Għan –** Il-Kunsill determinat u jaħdem bi sħiħ biex il-livell ta' ndafa u l-effiċċjenza fil-ġbir ta' skart jogħla. Qiegħed jaħdem ħafna biex jiżdied il-ġbir ta' skart riċiklat u dak organiku biex jitnaqqas l-użu tal-borża s-sewda. Jaħdem qatigħ flimkien mal-Gvern Ċentrali u mal-iskemi biex is-separazzjoni tal-iskart tkun suċċess.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Jinħarġu l-kuntratti l-ġodda ta' ġbir ta' skart bieb bieb u ġbir ta' skart goff, u l-Kunsill jara li l-klawsoli ta' dawn il-kuntratti jiġu kollha rispettati. Isiru wkoll diskussjonijiet mal-entitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-iskart biex kontinwament ikun hemm kampanji ta' informazzjoni lir-residenti dwar l-isseparar tal-iskart.

### 3.4.2 Indafa fil-Postijiet Pubbliċi

**Għan –** Li jgħolli l-livell tat-tindif fit-toroq urbani u l-inħawi rurali.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Jinħareġ il-kuntratt il-ġdid ta' knis u tindif tat-toroq u jkun hemm insistenza mill-Kunsill biex il-klawsoli kollha tal-kuntratt ikunu rispettati. Hekk biss Ħal Kirkop ikun jista' jibqa' jissemma bħala wieħed mill-aktar irħula nodfa.

#### 3.4.3 Ġonna u *Soft Areas*

**Għan –** Biex jiġi mtejjeb il-livell fil-ġonna u s-*soft areas* u jkomplu jitħawlu fjuri u siġar li jżejnu l-ambjent għar-residenti kollha u għal dawk li jżuru dan ir-raħal kwiet.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill jiżgura li l-livell miksub ikompli jogħla biex il-ġonna u s-*soft areas* ikomplu jingħataw aktar ħajja. Jitħawlu fjuri fir-*roundabout* u *soft areas* li għadhom kif saru fl-inħawi tal-Kulleġġ San Benedittu u jiġu identifikati *areas* fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar u fjuri.

## 3.5 Toroq u Bankini

#### 3.5.1 Toroq

**Għan –** Biex ir-residenti jkollhom toroq tajbin b'sigurtà ikbar. Dan jgħin biex titkabbar il-kumdità għar-residenti u s-sewwieqa.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Issir analiżi ta' liema toroq għandhom bżonn manutenzjoni u/jew rikostruzzjoni. Jsir pjan biex ix-xogħol ta' manutenzjoni jsir malajr kemm jista' jkun biex jiġu evitati ħsarat bla bżonn. Apparti hekk il-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet mal-Ministeru tat-Trasport biex Sqaq ir-Ramlija, li jinsab fi stat ħażin, jingħata wiċċ ġdid.

#### 3.5.2 Bankini

**Għan –** Biex jara li l-bankini kollha ta' Ħal Kirkop jinsabu fi stat tajjeb u kemm jista' jkun aċċessibbli għal kulħadd.

**Riżultati Mistennija / Strateġija -** Il-Kunsill ser ikompli jaħdem biex il-bankini jkunu fi stat tajjeb u jżomm lista aġġronata tal-bżonnijiet li jkun hemm. Jidentifika fejn jistgħu jsiru rampi biex il-bankini jkunu aċċessibbli. Qed jaħdem fuq pjan biex il-bankina biswit il-grawnd tal-futbol tiġi rranġata wara li jsir l-*open gym* fi Triq Taż-Żebbiegħ.

## 3.6 Dawl Elettriku

**Għan –** Biex tikber il-kumdità u s-sigurtà għar-residenti, speċjalment fejn id-dlam joħloq lok għall-abbużi.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Jiġu implimentati skont il-ħtieġa li jkun hemm, wara li ssir analiżi serja.

## 3.7 Traffiku

**Għan –** Biex tikber is-sigurtà għar-residenti u jitnaqqas it-tniġġis tal-arja.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Il-Kunsill qed jevalwa kif jista' jsir maniġġ tat-traffiku fit-toroq fil-qalba tar-raħal biex dawn isiru f'direzzjoni unika fejn meħtieġ. Qed jaħdem ukoll bi sħiħ biex vetturi kbar li mhux suppost jgħaddu minn Ħal Kirkop jitwaqqfu milli jagħmlu dan. Il-Kunsill qiegħed ukoll f'diskussjonijiet ma' Transport Malta biex jitlesta x-xogħol fuq *traffic management* biswit l-Iskola Sekondarja l-ġdida fejn ser isiru *pelican lights* biex l-istudenti jaqsmu bil-kumdità u mingħajr biża.

## 3.8 Infurzar Lokali

**Għan –** Biex ikun hemm aktar kontroll tat-traffiku, kontroll fuq vandaliżmu, droga u kontroll fuq ir-rimi ta' skart barra l-ħin.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Jsiru aktar laqgħat ma' sezzjonijiet differenti tal-Pulizija biex ikun hemm aktar koperazzjoni. Isiru wkoll programmi edukattivi biex kulħadd ikun infurmat u jiġu infurzati liġijiet sew fil-qasam tat-traffiku u kif ukoll ta' l-ambjent. Tkun mantenuta s-sistemà ta' CCTVs eżistenti u tiġi miljorata skont il-bżonnijiet tal-lum.

## 3.9 Kultura, Storja u Edukazzjoni

### 3.9.1 Kultura u Storja

**Għan –** Promozzjoni tal-wirt storiku, artistiku, kulturali u ambjentali ta' Ħal Kirkop. Kuntatt kontinwu mas-soċjetajiet kollha inkluż dawk tal-baned bil-għan li jkun hemm koperazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa bejn il-partijiet kollha biex jintlaħqu l-iskopijiet ċiviċi tal-Kunsill.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Il-Kunsill iqis li għandu rwol kbir fil-ħarsien u l-promozzjoni ta' dan il-wirt. Kien għalhekk li fi snin preċedenti ħa ħsieb biex irrestawra l-Katakombi u l-Ħajt tal-Matla. Il-Kunsill kontinwament jieħu ħsieb li jżomm dawn il-ġawhriet fl-aħjar stat possibbli. Sar ukoll leaflet li jippromwovi l-istorja u l-kultura ta' Ħal Kirkop u qed jaħdem biex aktar turisti jżuru dan ir-raħal fin-nofsinhar ta' Malta. Waqt l-attività annwali Irkottafest, ikunu organizzati mixjiet fejn dawk interessati jingħataw informazzjoni dwar il-postijiet storiċi f'Ħal Kirkop.

### 3.9.2 Edukazzjoni

**Għan –** Li r-residenti ta' kull età jkollhom tagħlim ta' kull xorta li jgħinhom fil-ħajja ta' kuljum, kemm biex ikabbru l-għerf tagħhom u kif ukoll bħala rikreazzjoni.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Il-Kunsill ikompli jorganizza korsijiet varji li jkunu ta' interess għar-residenti kollha, inkluż korsijiet ta' informatika, tagħlim għal ħajja aħjar u passatempi.

***3. Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji . . . ikomplu***

## 3.10 Sport u Rikreazzjoni

**Għan –** Li r-residenti jkunu iżjed attivi u l-Kunsill jinkoraġixxi dixxiplini sportivi differenti.

**Riżultati Mistennija / Strateġija –** Isiru diskussjonijiet mal-kumitati sportivi fil-lokalità u kif ukoll mal-Kulleġġ u mal-Kumpless Sportiv biex ikunu jistgħu jintużaw il-faċilitajiet sportivi eżistenti. Qed jaħdem bi sħiħ biex jitlesta l-*open gym* fi Triq Taż-Żebbiegħ biex ikun jista' jitgawda mir-residenti kollha ta' Ħal Kirkop.

# 4. Struttura u Organizzazzjoni

L-istruttura u l-organizzazzjoni tiddependi għal kollox fuq il-liġi, kemm fil-Kunsill innifsu u kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill. In-numru ta' Kunsilliera huwa ta' ħamsa, filwaqt li n-numru ta' impjegati, minbarra s-Segretarju Eżekuttiv, huwa ta' tnejn. Artiklu 52 (1) tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali tiddefinixxi l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv bħala l-Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill. Din il-kariga tinkludi wkoll irwol importanti, dak ta' konsultazzjoni fuq diversi materji speċjalment dawk ta' proċedura.

Is-Segretarju Eżekuttiv iżżomm ukoll kollaborazzjoni sħiħa u kuntatt mas-Sindku u mal-Kunsilliera biex deċiżjonijiet li ma jkunux jistgħu jistennew minn laqgħa għall-oħra jkunu jistgħu jittieħdu. Dan dejjem isir b'responsabilità u fil-parametri kollha tal-liġi. L-amministrazzjoni hija magħmula wkoll minn żewġ skrivani (Skala 15). Il-Kunsill għandu wkoll persuna mill-iskema CWS li tgħin fix-xogħol tal-uffiċċju. Apparti dawn, il-Kunsill jagħmel użu minn diversi servizzi professjonali. Dawn jinkludu servizz ta' *Accountant*, Avukat u Perit.



# 5. Tbassir Finanzjarju

## 5.1 Dħul ippjanat għat-tliet snin li ġejjin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2017 (€) | BAĠIT 2018 (€) | BAĠIT 2019 (€) | BAĠIT 2017 - 2019 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 207,631.00 | 209,707.31 | 211,804.38 | 629,142.69 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| | | **210,631.00** | **212,707.31** | **214,804.38** | **638,142.69** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | |
| 0035 | Kontravenzjonijiet ta' bye-laws | 4,102.00 | 4,143.02 | 4,184.45 | 12,429.47 |
| 0037 | Commission Reġjuni | 1,620.00 | 1,636.20 | 1,652.56 | 4,908.76 |
| 0056 | Għotjiet sponsorjali | 1,800.00 | 1,818.00 | 1,836.18 | 5,454.18 |
| | | **7,522.00** | **7,597.22** | **7,673.19** | **22,792.41** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 42.00 | 42.42 | 42.84 | 127.26 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **42.00** | **42.42** | **42.84** | **127.26** |
| 0100 | Generali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 4,566.00 | 4,611.66 | 4,657.78 | 13,835.44 |
| 0120 | Kontribuzzjonijet | 3,834.00 | 3,872.34 | 3,911.06 | 11,617.40 |
| | | **8,400.00** | **8,484.00** | **8,568.84** | **25,452.84** |
| | **TOTAL** | **226,595.00** | **228,830.95** | **231,089.26** | **686,515.21** |

## 5.2 Infiq ippjanat għat-tliet snin li ġejjin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2017 (LM) | BAĠIT 2018 (LM) | BAĠIT 2019 (LM) | BAĠIT 2017 - 2019 (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 8,843.00 | 8,931.43 | 9,020.74 | 26,795.17 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 53,022.00 | 53,552.22 | 54,087.74 | 160,661.96 |
| 1300 | Bonus | 5,731.00 | 5,788.31 | 5,846.19 | 17,365.50 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 5,050.00 | 5,100.50 | 5,151.51 | 15,302.01 |
| 1600 | 'Allowances' | 4,800.00 | 4,848.00 | 4,896.48 | 14,544.48 |
| 1700 | 'Overtime' | 1,039.00 | 1,049.39 | 1,059.88 | 3,148.27 |
| | | **78,485.00** | **79,269.85** | **80,062.55** | **237,817.40** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100-2199 | Dawl, ilma, telefon, etc | 7,437.00 | 7,511.37 | 7,586.48 | 22,534.85 |
| 2200-2299 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 13,255.00 | 13,387.55 | 13,521.43 | 40,163.98 |
| 2300-2399 | Tiswijiet u manutenzjoni | 6,195.00 | 6,256.95 | 6,319.52 | 18,771.47 |
| 2400-2449 | Kera | 1,337.00 | 1,350.37 | 1,363.87 | 4,051.24 |
| 2500 | Sħubija f' Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | 1,300.00 | 1,313.00 | 1,326.13 | 3,939.13 |
| 2600 | Spejjeú ta' l-Ufficju | 2,330.00 | 2,353.30 | 2,376.83 | 7,060.13 |
| 2700 | Trasport | 500.00 | 505.00 | 510.05 | 1,515.05 |
| 2800 | Vjaġġar/Safar | 600.00 | 606.00 | 612.06 | 1,818.06 |
| 2900 | Informazzjoni għal-Pubbliku | 1,180.00 | 1,191.80 | 1,203.72 | 3,575.52 |
| 3000-3099 | Servizzi b'Kuntratt | 72,737.00 | 73,464.37 | 74,199.01 | 220,400.38 |
| 3100-3199 | Servizzi Professjonali | 5,500.00 | 5,555.00 | 5,610.55 | 16,665.55 |
| 3200-3299 | Training | 500.00 | 505.00 | 510.05 | 1,515.05 |
| 3300-3379 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 7,900.00 | 7,979.00 | 8,058.79 | 23,937.79 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 1,500.00 | 1,515.00 | 1,530.15 | 4,545.15 |
| 3600-3694 | Spejjeż fuq infurzar lokali | 100.00 | 101.00 | 102.01 | 303.01 |
| 3800-3899 | Ġemellaġġi | 2,500.00 | 2,525.00 | 2,550.25 | 7,575.25 |
| | | **124,871.00** | **126,119.71** | **127,380.91** | **378,371.62** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib fil-Bini | | | | |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| 7500 | Proġetti Speċjali | | | | |
| | | | | | |
| | **TOTAL** | **203,356.00** | **205,389.56** | **207,443.46** | **616,189.02** |

## 5.3 Dħul u infiq ippjanat għat-tliet snin li ġejjin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>BAĠIT 2017 (LM) | b<br>BAĠIT 2018 (LM) | c<br>BAĠIT 2019 (LM) | c-b<br>BAĠIT 2017 - 2019 (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 210,631.00 | 212,707.31 | 214,804.38 | **638,142.69** |
| 0020 | Bye-Laws | 7,522.00 | 7,597.22 | 7,673.19 | **22,792.41** |
| 0090 | Investiment | 42.00 | 42.42 | 42.84 | 127.26 |
| 0100 | Generali | 8,400.00 | 8,484.00 | 8,568.84 | 25,452.84 |
| | TOTAL | 226,595.00 | 228,830.95 | 231,089.26 | **686,515.21** |
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 78,485.00 | 79,269.85 | 80,062.55 | 237,817.40 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 124,871.00 | 126,119.71 | 127,380.91 | 378,371.62 |
| 7000 | Infiq Kapitali | | | | |
| | TOTAL | **203,356.00** | **205,389.56** | **207,443.46** | **616,189.02** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **23,239.00** | **23,441.39** | **23,645.80** | **70,326.19** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 23,239.00 | 46,680.39 | |
| | **CARRY FORWARD** | 23,239.00 | 46,680.39 | 70,326.19 | 70,326.19 |

- Qed nassumu żieda ta' 1% fis-sena.